MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1705/2000/1

**Carmelo Rotin.**

**vs**

**Salvu Rotin, Agata Pace u d-Direttur Generali tal-Agrikoltura.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Awwissu 2000 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Joseph R Micallef fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa iben Saviour u Grezzja konjugi Rotin;

Illi Saviour Rotin miet fil-15 ta' Gunju 1946 (Dok. "SR 1") filwaqt li Grezzja Rotin mietet fis-16 ta' Frar 1979 (Dok."SR2").

Illi fis-27 ta' Marzu 1945 il-konjugi Rotin kienu ghamlu testment *unica charta*, liema testment jirregola l-wirt taghhom (Dok. "SR 3" – Dok "SR 5").

Illi skont dan it-testment l-attur huwa wiehed mill-eredi universali tal-mejta konjugi Rotin;

Illi l-mejjet Saviour Rotin matul hajtu kien ha bi qbiela ghelieqi maghrufa bhala Tal-Barumbara li jinsabu fir-rahal il-Gdid fl-inhawi ta' wara c-Cimiterju tal-Addolorata u faccata ta' Santa Lucija;

Illi dan l-ahhar l-attur sar jaf li mad-Dipartiment tal-Agrikoltura r-raba' imsemmi huwa registrat fuq isem il-konvenut Salvu Rotin biss;

Illi l-attur huwa kerrej tar-raba' meritu ta' dawn il-proceduri, u ilu 'l fuq minn hamsa u hamsin sena jahdem dawn l-ghelieqi. Sahansitra sar ukoll ftehim verbali bejn l-ahwa Rotin ta' kif huma ghandhom igawdu u jahdmu r-raba', u dan skont il-pjanta hawn annessa (Dok. "SR 6);

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. L-attur huwa wiehed mill-kerreja tar-raba' maghrufa bhala Tal-Barumbara, li tinsab f'Rahal il-Gdid fl-inhawi fuq wara c-Cimiterju tal-Addolorta faccatat ta' Santa Lucija, u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna li l-art tal-Barumbara ghandha titgawda minn Carmelo Rotin, Salvu Rotin u Agata Pace skont dik il-porzjon ta' raba' li qieghda fil-pussess taghhom, u cioe` skont il-pjanta markata bhala Dokument "SR6".

3. Tordna lill-konvenut Direttur Generali tal-Agrikoltura sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-

porzjon ta’ raba’ li qieghed illum jipposjedi u jgawdi l-istess attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta’ Novembru 1998, tat-28 ta’ Marzu 2000 u tal-10 ta’ April 2000, tal-25 ta’ April 2000 u tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Jannar 2000 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 5 sa fol. 17 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tal-14 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Salvu Rotin u Agata Pace datata 27 ta’ Ottubru 2000 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit illi:-

1. Fl-ewwel lok il-konvenuti Salvu Rotin u Agata Pace ghandhom jigu illiberati mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnhom u l-attur;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raba’ in kwistjoni ilha mikrija lill-konvenut Salvu Rotin minn qabel ma mietet omm il-kontendenti Grezzja Rotin u huwa l-uniku bidwi rikonoxxut mis-sidien.

3. Fit-tielet lok, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kera dejjem thallset lis-sidien minn Salvu Rotin u l-attur qatt ma hallas kera.

4. Fir-raba’ lok l-ghelieqi in kwistjoni, jew partijiet minnhom, qatt ma inkrew lill-attur.

5. Fil-hames lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istanti ma ghandhom ibatu l-ebda spejjez

procedurali ta' din il-kawza koncernati fit-talba kif ifformulata.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tall-konvenuti a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R Micallef fejn fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2000 Dr. Edward Woods talab illi wara l-isem "Salvu" fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti jizdied il-kunjom "Rotin". Il-Qorti rat l-**artikolu 175 tal-Kap 12** u laqghet it-talba u ordnat li t-tali bidla tigi maghmula fin-nota tal-eccezzjonijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Generali tal-Agrikoltura datata 3 ta' Lulju 2001 a fol. 32 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi l-prezenza tal-eccipjent fil-kawza odjerna hija mehtiega esklussivament ghall-esekuzzjoni ta' sentenza pronuncjata minn din l-Onorabbli Qorti rigward registrazzjoni tar-raba' maghrufa bhala "Tal-Barumbara" fil-limiti ta' Rahal gdid.

2. Illi l-eccipjenti jirrimetti ruhu a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi huma ma ghandux ibati spejjez.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur Generali tal-Agrikoltura a fol. 33 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2003 meta ssejhet il-kawza deher biss Dr. Edward Woods ghall-konvenut. L-attur msejjah ma deherx u anqas prezenta l-

affidavits tax-xhieda tieghu. Dr. Frank Cassar imsejjah ma deherx. Il-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors ta' Carmelo Rotin datat 21 ta' Jannar 2003 a fol. 42 tal-process fejn lill-Qorti sabiex tirriappunta l-kawza ghas-smigh; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri laqghet it-talba u appuntat il-kawza ghas-smigh ghat-13 ta' Marzu 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti inkluz dak tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2008 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2009.

Rat in-nota tal-attur Carmelo Rotin datata 17 ta' Novembru 2008 fejn ceda it-tieni u t-tielet talba attrici ghar-ragunijiet hemm indikati (fol. 509).

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti pprezentata ma' rikors datat 19 ta' Jannar 2009.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Carmelo Rotin datata 16 ta' Frar 2009.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi taghhom.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din il-Qorti qabel xejn tinnota li din il-kawza u l-kawza fl-ismijiet "Salvu Rotin et vs Carmelo Rotin" (Rikors Guramentat 113/06/RCP mxew flimkien u peress li certament l-mertu tal-istess huwa konness tordna li l-provi f'kawza jigi kkunsidrati bhala provi fil-kawza ohra u vici versa.

Illi din hija kawza fejn l-attur Carmelo Rotin qed jallega li huwa ghandu titolu ta' qbiela fuq porzjonijiet ta' art deskritti fic-citazzjoni attrici u wkoll indikati bil-kulur isfar fuq il-pjanta ndikata bhala Dok. "SR 6" a fol. 17 tal-process, fil-waqt li l-konvenuti Salvu Rotin u Agata Pace qed jikkontestaw dan, u dan ghaliex Salvu Rotin qed jallega li ghandu huwa titolu ta' qbiela fuq l-istess art.

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti jirrizulta li l-ghalqa kollha indikata fil-pjanta esebita bhala Dok. "SR6" kienet giet imqabbla lill Salvu Rotin, missier il-kontendenti. Illi fin-1947 qabel ma' miet Salvu Rotin gie allegat li din l-ghalqa giet registrata fuq Grazzja Rotin, li wara l-mewt ta' zewgha baqghet tahdem l-istess ghelieqi.

Illi l-konvenut Salvu Rotin jallega li fis-sena 1960 Grazzja Rotin cediet l-istess qbiela lilu ghaliex kien ghadu l-unika guvni id-dar u kien jahdem l-istess raba' ghalkemm ix-xoghol tieghu kien dak ta' tqeghid tal-madum. Fis-sena 1968 huwa jghid li ta b'mera tollerenza u bi pjacir lill-konvenut u lir-ragel t'ohtu Nazzarreno Pace bicctejn mill-istess ghelieqi ghal skopijiet ta' kacca u nsib. F'dan is-sens hemm ix-xhieda ta' Agatha u Nazzareno Pace. Minkejja dan meta s-sid Victor Denaro ried ibiegh l-istess ghalqa, huwa kien sejjah lill-hutu (nkluz lill-attur) sabiex jara jekk kienux interressati jixtru l-istess raba`; ghall-prezz mitlub hadd mill-kontendenti ma kien interessat ghalkemm finalment l-istess ghalqa giet mixtrija minn ulied il-konvenut Salvu Rotin u cjoe' Adolf u John Rotin permezz ta' kuntratti datati 3 ta' Ottubru 2000 (Dok. "JR 1") u 14 ta' Lulju 2003 (Dok. "JR 2"). Fil-fatt l-istess sidien odjerni jikkonfermaw li l-attur kien juza l-istess ghalqa biss ghal skopijiet ta' kacca u nsib ghalkemm jikkoncedu li gieli l-istess konvenut zergha xi haga.

Illi minn naha l-ohra Carmelo Rotin jghid li huwa kien ilu jahdem l-ghalqa minn mindu kellhu 12 il-sena, u li kien huwa li kompla jahdem l-istess ghalqa anke wara l-mewt ta’ missieru, tant li baqa’ huwa biss jahdem l-istess raba’ anke wara li ommu refghet mix-xoghol. Ma’ dan izzid li meta omm il-kontendenti ma’ baqghetx tahdem l-istess raba hija qasmet l-istess raba bejn it-tlett ahwa, u dan permezz ta’ polza li ttelghet minn Emanuel Rotin, iben l-attur, li kien ghadu tifel. Wara li telghet il-polza huwa baqa’ jahdem il-parti li misset lilu u anke l-parti li misset lill-konvenut Salvu Rotin u dan ghal 25 sena shah sas-sena 1998 sakemm kien hemm incident meta l-bieb tal-ghalqa safa’ mahruq u wara dan il-konvenut qallu sabiex ma jibqax jahdem il-bicca tieghu. Tul dan iz-zmien kollu huwa jghid li dejjem hallas sehmu tal-qbiela lill-konvenut. Din ix-xhieda ta’ Carmelo Rotin hija kkonfermata mix-xhieda ta’ uliedu Saviour, John u Emmanuel Rotin.

Illi din ix-xhieda tal-konvenut hija kkonfermata wkoll mix-xhieda ta’ Alfred Spiteri li sostna li l-konvenut Salvu Rotin kien beda jersaq lejn ir-raba’ biss meta nqala’ l-inkwiet u qabel l-istess ghelieqi kienu jinhadmu proprju mill-attur Carmelo Rotin.

Illi kif jirrizulta mill-atti tal-kawza u dik bejn l-istess partijiet Rikors Guramentat Numru 113/06 wahda mill-punti ta’ kontestazzjoni bejn il-partijiet ahwa Rotin hija fil-fatt li l-attur ma kienx jahdem parti mill-istess ghalqa izda biss juzaha ghall-kacca u nsib, izda mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Buhagiar datat 25 ta’ Settembru 2006 (fol. 414) jirrizulta li fil-fatt partijiet mill-ghalqa li kienu ghand il-konvenut u l-attur kien jinhadmu bejn is-snin 1967 sal-2004, u dik il-parti li kienet ghand l-attur baqghet tinhadem sas-sena 2006, mentri li dawk il-partijiet li kienu ghand Agatha Pace u Salvu Rotin ma kienux baqghu jinhadmu bejn in-1998 u 2004. B’hekk dan ifisser li kontra t-tezi tal-konvenut Salvu Rotin, l-istess porzjoni li kienet ghand l-attur Carmelo Rotin kienet tinhadem minnu u mhux uzata ghal skopijiet ta’ kacca u nsib, u din ix-xhieda teknika u ndipendenti tikkonferma t-tezi tal-attur f’din il-kawza u tmur kontra t-tezi tal-konvenut Salvu Rotin.

Illi hemm ukoll il-fatt li ghalkemm Nazzareno Pace f'din il-kawza xehed li l-konvenut kien juza biss l-istess ghalqa minnu okkupata ghal skopijiet ta' kacca pero fix-xhieda li huwa stess ta fl-14 ta' Jannar 2002 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Salvu Rotin" (fol. 242) huwa  jghid li l-istess attur ilu jahdem l-istess art minn meta saret il-qasma bejn l-ahwa u mhux biss izda jghid ukoll li l-bicca ta' Salvu kienet tinhadem minnu jew minn Carmelo ghaliex il-konvenut Salvu Rotin kien ikun imhabbat bix-xoghol. Dwar il-parti li kien jahdem huwa qal li din hija llum ta' Salvu *"u dan ghax tajthielu jien".*

Illi fix-xhieda li l-istess konvenut kien ta fl-istess procedura kriminali fis-seduta tat-3 ta' Frar 2004 (– fol. 297) jirrizulta li dwar l-involviment tieghu fl-istess ghalqa huwa strah fuq il-pretensjoni tieghu li l-biljett tar-raba' kien fuq ismu u kien evasiv fir-risposti tieghu ghad-domandi lilu maghmula li huwa ma kienx jahdem l-ghalqa.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-biljett tar-raba' jinsab fuq isem l-konvenut Salvu Ellul jinghad li l-kopja fotostatika tal-biljett tar-raba datat 16 ta' Novembru 1966 (fol. 287) tinsab effettivamwent fuq isem Salvu Rotin indikat bil-laqam "Ta Gori" li huwa l-laqam ta' missier il-kontendenti, u b'hekk tindika li l-istess raba' fil-fatt ma' kienx registrat fuq isem l-attur, u dan ghaliex l-attur huwa maghruf bil-laqam "Tat-Taljan" .

Illi huwa sinifikanti wkoll li dwar l-istess kopja tal-biljett il-konvenut kien ghamel dikjarazzjoni datata 28 ta' April 2005 fejn qal li kien tilef il-biljett originali u din il-Qorti thoss li f'din ic-cirkostanza jirrizulta li dak li pprova jaghmel il-konvenut Salvu Rotin kien li japprofitta ruhu mill-fatt li huwa kellu l-isem identiku ta' missieru sabiex jipprova jirregistra raba' fuq ismu, izda dan it-tentattiv ma rnexxiex ghall-kollox kemm ghaliex il-laqam baqa' indikat bhala ta' missieru u mhux tieghu, u wkoll peress li l-indirizz indikat fl-istess dikjarazzjoni kien dak ta' 129, Sta. Domenika Street, Zabbar, (li kien l-indirizz tieghu 30 sena qabel) u mhux dak tieghu ta' dak in-nhar "Ta' Pinu", Triq Agata Barbara, Zabbar .

Illi mhux hekk biss izda b'kumbinazzjoni d-data tal-istess dikjarazzjoni tat-28 ta' April 2005, hija d-data meta il-konvenut Salvu Ellul jghid li trasferixxa l-istess raba' lill-uliedu.

Illi dwar ix-xhieda ta' Agatha Pace jinghad li hija kienet kategorika meta sostniet li kienet saret qasma tal-istess ghelieqi minn ommhom. Dwar ix-xhieda l-ohra taghha jinghad li fl-ahjar ipotezi din ma hijiex wisq attendibbli meta wiehed jikkonsidra li fil-kontro-ezami taghha datat 27 ta' Marzu 2007 hija sostniet li *"f'seduta ohra llum jiena xhedt illi jiena ma' ridtx nitla nixhed u li allura kont mort ghand in-Nutar biex niddikjara li jiena insejt kollox"* (*a tergo fol. 159*). Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan iwaqqa' l-affadavit taghha.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-konvenut dejjem hallas il-qbiela huwa jirrizulta li dan ma huwiex strettament korrett ghaliex kif jidher mir-ricevuta a fol. 126 tal-process datata Ottubru 2000 li fil-fatt hemm kienet thallset qbiela ta' 18 il-sena shah u l-ircevuti jidhru li hargu kollha fuq Salvu Rotin li huwa ukoll l-isem ta' missier il-kontendenti. Izda mhux biss izda jidher li l-ircevuti kollha tal-qbiela kollha gew mahruga fuq isem Salvu Rotin. Imkien ma hemm indikat li tali qbiela kienet inqalbet minn fuq isem missier l-attur ghal fuq ommu Grazzja u wara ghal fuq l-konvenut, iben l-istess Salvu u Grazzja Rotin. Fil-fatt din il-Qorti thoss li dak li gie ppruvat huwa li l-istess qbiela dejjem baqghet bhala ricevuti f'isem missier il-kontendenti Rotin.

Illi din il-Qorti thoss li l-istess qbiela wara l-mewt ta' missier il-kontendenti Salvu Rotin fil-15 ta' Marzu 1946 marret b'uzufrutt ghand martu Grazia Rotin in vista ta' klawsola 3 tat-testment *unica charta* (Dok. "SR 4") datat 18 ta' Marzu 1945, li tul hajjitha qasmet l-istess raba bejn it-tlett (3) uliedha, l-attur u l-konvenut u Agatha Pace kif jirrizulta ukoll mill-laqgha li saret bejn l-istess tlett ahwa li a bazi taghha ittellghu bix-xorti kull parti li kellha tinhadem minn kull wiehed u wahda minnhom u din giet identifikata permezz ta' pjanta indikata bhala Dok. "SR6" mal-att ta' din ic-citazzjoni u Dok. "CR1". Wara l-mewt ta' l-istess l-istess ghalqa ddevolviet ukoll b'titolu ta' qbiela favur l-

istess tlett ulied Grazzia Rotin in virtu ta' klawsola 5 tat-testment *unica charta* indikat fejn l-istess gew nominati bhala eredi univerali taghha. Dan huwa rikonnoxxut anke mill-**artikolu 2 tal-Kap 199** li jinkludi bhala kerrej *"kull membru tal-familja….. li matul l-ahhar sena qabel il-mewt tal-kerrej…..kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej".*

Illi f'dan il-kuntest jinghad li fir-registru tar-registrazzjoni tar-raba' kull ma hemm huwa li tali raba' kienet registrata fuq isem Salvu Rotin u hemm marka b'salib ta' Grazia Rotin datata 26 ta' Jannar 1945 li jinghad li saret *"on behalf of her husband".* Jirrizulta li dan id-dokument huwa intestat favur Salvu Rotin indikat bil-laqam "Ta' Gori" l-ewwel fl-indirizz 17, Xintill Street, Tarxien, u mbaghad dan gie mhassar ghal dak ta' 129, St. Domenic Street, Zabbar. Bhala rimarki hemm li fis-27 ta' Marzu 1947 inghad li Grazia Rotin ma' baqghetx tahdem l-istess raba' u cediet l-istess raba' izda ma hemm xejn indikat favur min dan (Dok. "AF 2"). Ma jidhirx li hemm xi firma ta' Grazia Rotin, u ovvjament ix-xhieda ta' Alfred Farrugia ghan-nom tad-Direttur tal-Agrikoltura moghtija fil-5 ta' Mejju 2004 dwar l-istess dokument hija zbaljata ghaliex huwa qed jirreferi ghall-marka bis-salib tal-istess omm il-kontendenti li jidher li saret fis-26 ta' Jannar 1945 *"on behalf of her husband"* u allura data meta kien ghadu haj zewgha. Ghal dak li jirrigwarda d-data tas-27 ta' Marzu 1947 certament li l-Qorti ma hijiex qed tara ebda firma ta' Grazia Rotin. Fid-dawl ta' dan kollu u fid-dawl ukoll tal-allegazzjoni ta' Salvu Rotin li ommu kienet dawret ir-raba' fuqu fis-sena 1960 certament li mill-istess dokument u mix-xhieda ta' l-istess ufficjal dan ma jirrizultax pruvat u ghalhekk lanqas f'dan il-kuntest ma jista' jinghad li l-allegazzjoni tal-konvenut Salvu Rotin li tali qbiela daret fuqu giet b'xi mod ippruvata.

Illi dan jinghad apparti l-fatt li fi kwalunkwe kaz ir-registrazzjoni tar-raba' fuq isem persuna ma tindikax li din hija prova ta' titolu ta' qbiela **("Francis Farrugia vs Robert Farrugia"** P.A – 27 ta' Mejju 2004), u dan qed jinghad anke jekk mill-kumpless tal-provi f'din il-kawza ma jirrizultax li tali raba' fil-fatt giet registrata f'isem il-konvenut Salvu Rotin.

Illi dwar l-allegata assenjazzjoni ta’ qbiela favur l-istess konvenut Salvu Rotin jinghad li dan seta’ jsir biss permezz ta’ skrittura, u ma jidhirx li hemm xi skrittura f’dan is-sens. F’dan il-kuntest jinghad ukoll li l-imsemmi Alfred Farrugia sostna kieku Grazzja Rotin riedet titrasferixxi l-ghalqa ghal fuq binha Salvu Rotin hija kellha tiffirma l-karti li ghandhom appositivament id-department ghal dan l-iskop, dwar l-istess jinghad *“karti bhal dawn ma nsabu xejn”.* Illi dan ir-rekwizit johrog kemm mid-disposizzjoni tal-**Kap 199** li jirreferu ghall-cessjonarju tal-kirja u kemm mid-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1470 (1) tal-Kap. 16** fejn jinghad li tali cessjoni ta’ drittijiet tista’ ssir biss bil-miktub u prova ta’ din l-allegata cessjoni ma tezistiex lanqas minn xi formuli tal-istess dipartiment tal-agrikoltura.

Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument jigi ritenut li r-ricevuti tal-kera baqghu jinhargu f’isem il-konvenut Salvu Rotin (anke jekk din il-Qorti thoss li tali isem jirreferi ghal dak tal-missier) dan ma huwa ebda ostakolu li l-attur huwa u ghandu jigi rikonoxxut bhala kerrej, ghaliex in effetti jirrizulta li b’effett tal-istess qasma tal-ghelieqi, u wkoll bil-mewt ta’ omm il-kontendenti, tali raba’ effettivament kienet tenuta b’titolu ta’ qbiela mit-tlett ulied ta’ Grazzia Rotin bhala eredi ta’ l-istess, u anke jekk ricevuta inharget fuq wiehed minnhom, dan ma’ jbiddel xejn mill-istat ta’ fatt li tali qbiela kienet tezisti favur it-tlett ulied, inkluz iz-zewgt kontendenti u s-sid ma jistax ma jirrikonoxxix dan l-istat ta’ fatt **(“A. Bonello Limited vs Luigi Agius”** – A.I.C. 4 ta’ Mejju 2005.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha peress li din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-attur Carmelo Rotin ghandu titolu ta’ qbiela fuq l-art mertu tal-kawza odjerna.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Salvu Rotin u Agata Pace in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, u fil-waqt li tichad

l-eccezzjonijiet tad-Direttur Generali tal-Agrikoltura in kwantu l-istess huma inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba attrici *stante* c-cessjoni taghhom permezz ta' nota datata 17 ta' Novembru 2008, tilqa' l-ewwel talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-attur huwa wiehed mill-kerreja tar-raba' maghrufa bhala Tal-Barumbara, li tinsab f'Rahal il-Gdid fl-inhawi fuq wara c-Cimiterju tal-Addolorata faccata ta' Santa Lucija, u dan skont kif hawn indikat u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti Salvu Rotin u Agata Pace.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------